**REGJUN XLOKK**
VALLETTA, BIRGU, ISLA, BORMLA, HAZ-ZABBAR, ZEJTUN, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL-TARXIEN, XGHAJRA.

# MINUTI

## Laqgħa tar-Regjun Xlokk

**Laqgħa Nru.** 73/2016 tat-tieni Amministrazzjoni

Data: 13 ta Gunju, 2016

Hin: 18.30

Post: Ufficcju Amministrattivi tar-Regjun Xlokk, f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

---

Preżenti:

***Chev Paul Farrugia*** – *President, Sindku Tarxien*
***Sur Vince Fabri*** – *Kunsillier Belt Valletta*
***Sur Lawrence Attard*** – *Kunsillier Birgu*
***Sur Clive Pulis*** – *Kunsillier Isla*
***Sra Alison Zerafa Civelli*** – *Sindku Bormla*
***Sur Vincent Borg*** – *Vici Sindku Floriana*
***Sra Speranza Chircop*** – *Sindku Kalkara*
***Sur Francis Debono*** – *Sindku Marsa*
***Sur Horace Gauci*** – *Sindku Marsaxlokk*
***Sur Dominic Grima*** – *Sindku Paola*
***Chev Paul Farrugia*** – *Sindku Tarxien*
***Sur Anthony Valvo*** – *Sindku Xghajra*

***Sra Joan Mangion*** – *Segretarju Eżekuttiv*

Assenti:

Kunsill Lokali Zabbar
Kunsill Lokali Zejtun
Kunsill Lokali Fgura
Kunsill Lokali Marsascala

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;

2. Punti mqajma mill-Minuti;

3. Komunikazzjoni mil-President;
4. Korrispondenza;
5. *Management Letter;*
6. Approvazzjoni tal-*Management Letter;*
7. Approvazzjoni tal-*Financial Statements*
8. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
9. Aġġornament.

## Minuti – *71 u 72/2016*

# 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

Qari u approvazzjoni tal-Minuti

**1.1** Peress li l-Minuti tal-Laqgħat numru 71 u 72/2016 mizmuma fil-25 ta' April 2016 u fit-23 ta' Mejju, 2015 kienu ġew iċċirkolati minn qabel, il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.

Il-Kumitat approva l-Minuti, liema minuti ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

# 2. Punti mqajma mill-Minuti

Punti mqajma mill-Minuti

**2.1** Ma tqajjmu l-ebda punti mill-Minuti

# 3. Komunikazzjoni mil-President

**3.1** **Haddiema tal-RSSL**

Haddiema tal-RSSL

Il-President qal li meta marru f'kunsill assenjat lilhom mir-Regjun, il-haddiema stennew li jitilqu id-dar wara saghtejn xoghol ax qaliu li hekk kienu ghamlu meta kienu mibghuta f'kunsilli ohra. Hu kompla li il-haddiema assenjati mill-RSSL kienu full time u ghalhekk kellhom jaghtu il-gurnata tax-xoghol. Il-president zied illi kienet ir-responsabilita ta' kull kunsill fejn ikunu assenjati li jaraw li il-haddiema jaghtu il-gurnata taghhom.

Is-Sindku ta' Rahal il-Gdid, is-Sur Dominic Grima, spjega li il-haddiema manwali li kienu gew assenjati mal-kunsill mill-iskema ta' l-ETC kienu jippancjaw bhal haddiema kollha tal-kunsill.

### 3.2 Riforma tal-LES

Riforma tal-LES

Il-President qal li ir-Regjun kien qed jimxi ma l-istruzzjoniiet mahruga f'ittra mid-Direttur tal-Gvern Lokali fit-30 ta' Settembru u kienu qed jinbghatu b'mod regolari fatturi li jkopru bl-ispejjez tal-payroll u tal-operat ghar-rifuzjoni mill-LESA. Wara li ir-Regjun baghat numru ta' reminders il-LESA irrifondiet il-pagi ta Ottubru, Novembru u Dicembru ta' l-istaff tat-Tribunal u is-salarji ta' Frar u Marzu ta' l-istaff tar-Regjun u tat-Tribunal eccettu l-onorarja tal-President peress li tali honoraria ma gietx klassifikata bhala parti mill-payroll mill-LESA. Billi il-LESA kienet qed tonqos li timxi ma l-istruzzjonijiet moghtija f'din l'ittra u ma kienitx qed tirrifondi l-ispejjez ta' l-operat tar-regjun u it-tribunal gie deciz b'mod unanimu li jitwaqqafu il-pagamenti kollha ta' l-spejjaz diretament relatati mat-tribunal. Dan invista li minn Jannar l-hawn keinu qed jinstemghu kazi tal-LESA u ftit li xejn kien ghad baqa kazi ta' kontravenzjonijiet mahruga mir-regjun. Gie maqbul wkoll b'mod unanimu li l-ordni mahruga mill-LESA li ir-regjun jixtri kopja tar-registri elettorali ghal uzu mit-tribunal ma tigix milqugha qabel ma jsuru ir-rifuzjonijiet kollha pendenti. Dan anke ghaliex il-LESA ma kellha l-ebda awtorita' li tordna lir-regjun kif jonfoq il-fondi tieghu.

Il-President qal li is-Segretarju Ezekuttiv kienet innotat li il-LESA kienet qed tawtorizza kancellazzjonijiet u lifting fuq citazzjonijiet mahruga mir-Regjuni u mil-kunsilli lokali. Hija kienet talbet lid-Datatrack rapport dettaljat tal-kancellazjonijiet u lifting li kienu saru fuq kontravenzjonijiet tar-Regjun. L-ammont ta' kancellazzjoniet kien jammonta ghal Euro 1,189.59. Il-President spjega li it-Transport Malta kienet addottat sistema li qabel ma jithallsu ic-citazzjonijiet pendenti kollha, karozza ma setghatx tigi trasferita, garaxxjata jew skrappjata. Minn mindu iddahlet din is-sitema kien gie innotat li il-hlasijet ta' kontravenzjonijiet antiki, kemm dawk mahruga mir-regjun kif wkoll dawk mahruga mill-kunsilli kien qed jizdied u ghalhekk li issa li seta jikber ir-revenue kemm tar-regjuni kif wkoll tal-kunsilli zgur li ma kienx hemm lok li jsiru tali kancellazzjonijiet jew lifting. Dan apparti li dawn kienu fondi pubblici u kemm ir-regjuni u il-kunsilli iridu jaghtu kont lill-awdituri ta' kull kancellazzjoni. Invista li il-ligi li tat id-delega tal-LES lill LESA bl-ebda mod ma kienet taghti l-awtorita' lill din l-agenzjija li taghmel kancellazzjonijiet u lifting fuq kontravenzjonijiet tar-regjun u il-kunsilli gie maqbul b'mod unanimu li kellha tintbaghat ittra legali lill-Onorevli Ministru Dr Owen Bonnici fejn jigi mitlub li jordna lill LESA li tieqaf tawtorizza lifting u kancellamenti ta citazzjonijiet tar-Regjun u il-kunsilli li jaqghu tahtu. Kellu jintalab wkoll li il-LESA tirrifondi lir-Regjun u lill-Kunsilli l-ammont ta' flus li kient awtorizzat li jigu ikkancellati. Kien hemm qbil unanimu li qualunkwe ezercizzju ta debt chasing u gbir ta flus relatat ma kontravenzjonijet li

inhargu mir-Regjun ghandu isir mir-Regjun. Ir-regjun ghandu il-manpower biex jaghmel dan l-ezercizzju u ma ghandux ghalfejn jidhol fi spejjez zejda fil-kaz li dan l-ezercizzju isir mil-LESA.

**3.3 Rikonciljazzjoni ta' kontravenzjonijiet imhallsa fil-kunsilli u depositati fil-kont tar-regjun**

Rikonciljazzjoni ta' kontravenzjonijiet imhallsa fil-kunsilli u depositati fil-kont tar-Regjun

Il-Presient spjega li ir-regjun kien ghadu qed jiltaqgha ma diffikultajiet meta ikun qed jaghmel ir-rekonciljazzjoni ta' depositi ta' cekkijiet. Ghalhekk is-Segretarju Ezekuttiv kienet talbet lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex issir laqgha ohra mal-Bank of Valletta u Datatrack. Il-Bank of Valletta spejga li kien qed jaghmel sforzi biex jigu risolti il-problemi li ken ghad baqa b'mod partikolari depositi li isuru f'ferghat f'Ghawdex. Wieghed wkoll li se jkun qed jaghmel sforz biex jghaddi lir-Regjun id-deposit slips li ilhom pendenti minn Gunju 2015.

Il-President spjega li qabel ma ir-regjun ikun cert li id-depositi saru ma hux f'posizzjoni li ihallas il-commision ta 10% lill-kunsilli.

**3.4 Rimunerazzjoni ghall-attendenza ghal-laqghat tar-Regjun**

Rimunerazzjoni ghall-attendenza ghal-laqghat tar-Regjun

Il-President spejga li wara li kienet intbaghet il-proposta li is-sindki jew rapprezentanti taghhom jinghataw remunerazzjoni ghal-attendenza tal-laqghat bhal ma kien isir fil-Kunsilli, kien gie imsejjah ghal-laqgha ma l-Onorevoli Segretarju Parlamentari, Dr Stefan Buontempo u is-Sur Natalino Attard, Direttur Generali fil-Ministeru. Is-Segretarju Parlamentari wieghed li kien se jkun qed jiehu konsiderazzjoni ta' din il-proposta bhala parti mir-riforma tar-regjuni. Il-President qal li kien saqsa jekk kienx gi mfassal xi timeframe ghal din irrifrma invista li issa kienu ghaddew kwazi 9 xhur min mindu id-delega tal-LES ghaddiet ghand l-Agenzija LESA. Is-Sur Natalino Attard qal li kein qed jaghmel l-almu tieghu kollu biex din ir-riforma issehh kemm jista jkun malajr.

Il-President spjega li il-laqgha li imiss mal-Onorevoli Ministru Dr Owen Bonnici fuq ir-riforma tar-regjuni kienet se ssir fil-15 ta' Lulju u ghaliha kienu gew mistiedna anke is-segretarji ezekuttivi tal-hames regjuni.

**3.5 Laqgha ma representatni tal-OHSA fuq sigurta fl-ufficini tal-kunsilli lokali**

Laqgha ma representatni tal-OHSA fuq sigurta fl-ufficini tal-kunsilli lokali

Il-President qal li kien gie avvicinat minn rapresentant tal-OHSA biex tigi organizzata laqgha mal-presidenti u segretarji ezekuttivi tar-regjuni biex jispejegaw in-nuqqasijiet li iltaqghu maghhom meta saru spezzjonijiet fl-ufficini tal-kunsilli.

**3.6** **Ftuh ta kont bankarju biex jithalsu minnu is-salarji**

Il-president talab approvazzjoni biex jinfetah kont bakarju biex l-honorarium tal-president u is-salarji ta' l-impjegati ikunu jistghu jigi ikkreditati direttament fil-kontijiet bankarji taghom. Dan il-kont ser ikun qed jinfetah biex ikun hemm trasparenza fit-transazzjonijiet u is-segretarju ezekuttiv se tkun qed titrasferixxi l-ammont necessarju kull xahar mill-kont principali tar-Regjun. Ir-risoluzzjoni giet approvata b'mod unanimu.

Ftuh ta kont bankarju biex jithalsu minnu is-salarji

**3.7** **Attivita 'Peagant of the Seas' organizzata mill Valletta 18**

Is-Sur Lawrence Attard, kunsillier fil-Birgu, qal li hu ma jistax jiftem kif inghalaq Sant'Anglu u twaqfet il-lanca li taqsam sal-Belt, meta din seghet tizzejjen u tkun parti mis-show. Is-Sur Vince Fabri, kunsillier il-Belt Valletta qal li kienet id-dghajsa *Ferandez* biss li dehret minn fuq l-art u li id-dghajjes l-ohrajn ma kienux jidhru ghax kienu zghar wisq. Qal wkoll li il-post fejn wiehed seta jara il-varjeta fil-Barrakka ta Fuq kien zghir wisq.

Is-Sur Vincent Borg, vici sindku il-Furjana ilmenta li il-kunsill kellu ihallas mill-fondi tieghu ghal-mobile toilets ghal din l-attivita. Hu zied li il-kunsill kien ihoss li din l-ispiza kellha tintrefa mill-fondazzjni Valletta 18.

Attivita 'Peagant of the Seas' organizzata mill Valletta 18

**3.8** **Financial Statements**

Il-President ipprezenta il-financial statements ghall-ahhar kwart tas-sena 2015 ghall-ewwel kwart tas-sena 2016. Billi ma kienx hemm mistoqsijiet mill-membri tal-kumitat, il-President talab l-approvazjoni tagghom. Il-membri approvaw dawn il-financial statments b'mod unanimu.

Financial Statements

**3.9** **Risposta ghal-management letter**

Il-President ipprezenta ir-risposta tar-regjun ghal-management letter. Is-Sur Anthony Valvo, Sindku tax-Xghajra qal li l-osservazzjonijet tal-awditur kienu simili ghal dawk li kienu saru lill-kunsill tieghu. Din ir-risposta giet approvata b'mod unanimu mill-membri tal-ezkeuttiv.

Risposta ghal-management letter

**3.10** **Progett SCOW**

Is-Sur Vince Fabri, kunsillier fil-BVelt Valletta, saqsa lis-sindku jekk hux possibli li il-kunsill tieghu jinghata komposter milli kienu tqassmu mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bhala parti mill-progett SCOW. Il-President wiegeb li kien ghad fadal composter wiehed u li kien se jaghnmel l-arrangamenti biex jghaddiehulu.

Progett SCOW

**3.11 League of Historic Cities Conference 2018**

League of Historic Cities Conference 2018

Il-Presient spjega li is-sottomessjoni tar-Regjun biex jorganizza il-konferena fis-sena 2018 giet fit-tieni post. Dan kien ta disappunt kbgir ghalieh ghaliex g din kienu kienet tahbat mac-celebrazzjonijet tal-Valletta 2018, pero kien t'a unur kbir ghalieh li wassal isem malta u ir-regjun bil-presentazzjoni tieghu. Il-Konferenza kienet se tigi organizzata mill-belt Burgas fit-Turkija. Din il-belt kienet qed tapplika ghat-tielet darba.

Is-Sur Vince Fabri, kunsillier il-Belt Valletta, qal li il-kunsill kien irnexxielu igib Malta il-festival *City of Carnivals*. Hu zied li il-kunsill kellu kuntatti tajbin hafna ma Korfu peress li hemmhekk hemm hafna kunjomijiet Maltin.

# 4. Approvazzjoni tal-Pagamenti

Approvazzjoni tal-Pagamenti

**4.1** L-Iskeda tal-Pagamenti kif wkoll l-iskedi tax-xiri mill-Petty Cash ghal l-ahhar kwart tat-2015 u l-ewwel kwart tat-2016 gew approvatiu gew iffimatati wkoll minn zewg membri tal-Kumitat.

Aġġornament

# 5. Aġġornament

**5.1** Il-laqgħa ġiet aġġornata ghal-11 ta' Lulju, 2016 fis-18.30.

***Chev Paul Farrugia***
*President*

***Joan Mangion***
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: